MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 237/2004

**Shirley Buttigieg**

**vs**

**Raymond Borg**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta’ Jannar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannnat ihallas lil-attrici s-somma ta’ tmien mija u disgha u hamsin lira Maltin u tmienja u sebghin centtezmu (Lm859.78) rapprezentanti danni kawzati f’incident stradali tal-24 ta’ Ottubru 2003, fi Triq Dicembru Tlettax, il-Marsa bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAZ 507 misjuqa minn Antonio Persiano u propjeta’ tal-attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni TFB 465 misjuqa mill-konvenut liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba mperizja, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tat-12 ta' Dicembru 2003, u bl-imghax kontra l-konvenut u b'riserva ghal spejjes ohra li jistghu jirrizultaw necessarji waqt li jkunu qed isiru t-tiswijiiet fuq il-vettura tal-attrici.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attrici stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-konvenut izda sehh unikament tort tas-sewwieq tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAZ 507, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, hekk kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-rtattazzjoni tal-kawza.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema' x-xhieda ta' Antonio Persiano, ta' Philip Attard, ta' Alfred Buttigieg u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident stradali li sehh fl-24 ta' Ottubru 2003, fi Triq Dicembru Tlettax, il-Marsa bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAZ 507 misjuqa minn Anthony Persiano u propjeta' tal-attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni TFB 465 misjuqa mill-konvenut.

Antonio Persiano xehed li fi-data tal-incident huwa kien qed isuq l-imsemmija vettura fi Triq Dicembru Tlettax, il-Marsa.. Huwa kien wieqaf fit-traffiku u kien hemm distanza ta' metru u nofs bejn il-vettura tieghu u dik ta' quddiemu. F'daqqa wahda hass daqqa fuq wara tal-vettura tieghu u, ghalkemm kellu saqajh fuq il-brejk, bid-daqqa huwa spicca habat mal-vettura li kien hemm

quddiemu u dan peress li d-daqqa minn wara kienet kbira. Persiano jjghid li huwa hareg mill-vettura tieghu u sab li l-konvenut li kien qed isuq vann bin-numru tar-registrazzjoni TFB 465 kien dahal fih minn wara. Ma ntleitx Front to Rear Form ghaliex il-konvenut qal lil Persiano li ma kellux wahda fil-pussess tieghu. Persiano qal ukoll li ra lill-konvenut jagixxi b’mod stramb u ghalhekk ghamel il-verifiki u skopra li l-konvenut ma kellux licenzja rinnovata u ma kienx kopert b’polza ta’ assikurazzjoni. In kontro-ezami Persiano cahad li huwa kien diga’ mahbut fil-vettura ta’ quddiemu meta dahal fih il-konvenut u u cahad ukoll li huwa kien qed jaqla’ l-vettura ta’’ quddiemu minn fuq il-lane ta’ gewwa meta sehh l-impatt. Mix-xhieda ta’ Alfred Buttigieg, li huwa missier l-attrici rrizulta li l-vettura tal-attrici kellha hsara kemm fuq wara kif ukoll fuq quddiem u li t-tiswijiet ghadhom ma sarux izda saret stima tal-hsarat minn suveyor imqabbad ghal dan l-iskop mill-istess attrici (survey report relattiv esebit a fol. 3 sa 5 tal-process).

Il-konvenut xehed li huwa kien qed isuq il-vann bin-numru tar-egistrazzjoni TFB 465 fi Triq Dicembru Tlettax, il-Marsa u sejjer fid-direzzjoni ta’ Santa Venera meta l-vettura ta’ quddiemu waqfet f’daqqa. Il-brakes fil-vettura tieghu ma zammewx peresss li kienet ix-xita u huwa ghalhekk baqa’ diehel fil-vettura ta’ quddiemu. Il-konvenut ammetta li huwa dahal fil-vettura misjuqa minn Persiano fuq wara izda jichad li bid-daqqa ill-vettura ta’ Persiano spiccat mahbuta fil-vettura ta’ quddiem. Huwa qal ukoll li l-vettura ta’ quddiem nett huwa ma kienx qed jaraha qabel l-impatt. Il-konvenut qal ukoll li kien qed izomm distanza normali mill-vettura ta’ quddiemu izda ma kienx f’posizzjoni jindika x’kienet tfisser ghalih distanza normali.

Ghalkemm fir-Risposta tieghu il-konvenut jghid li huwa qed jikkontesta r-responsabilita’ ghall-incident mix-xhieda tieghu u annki mit-trattazzjoni tal-avukat difensur minnu mqabbad jirriuzlta li l-konvenut fil-fatt qieghed jammetti t-tort ghal hsara kkagunaata fuq in-naha ta’ wara tal-vettura tal-attrici izda mhux ghal hsara ta’ quddiem ghaliex issotni li l-vettura tal-attrici kienet diga’ mahbuta fil-vettura ta’’ quddiemha meta huwa dahal fiha minn wara.

Kif diga’ ntqal aktar il-fuq Antonio Persiano jsostni li huwa kien wieqaf fit-traffiku meta dahal fih il-konvenut minn wara u bid-daqqa mbuttah fil-vettura ta’ quddiemu. Mir-ritratti esebiti a fol. 31 tal-process u mix-xhieda ta’ Philip Attard, is-surveyor inqabbad mill-attrici, jirrizulta li kien hemm impatt qawwi fuq in-naha ta’ wara tal-vettura ta’ Persiano u daqqa sostanzjali anki fuq quddiem. Dan jindika li bid-daqqa fuq wara il-vettura ta’ Persiano spiccat imbuttatha fuq il-vettura li kien hemm quddiemha. Il-konvenut min-naha l-ohra bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova dak minnu allegat, u cioe’ li l-vettura misjuqa minn Persiano kienet diga’ mahbuta fil-vettura ta’ quddiemha meta huwa dahal fiha minn wara, anzi huwa jghd li l-vettura ta’ quddiem nett fl-ebda mument ma kien raha qabel l-impatt.

Ghar-ragunijiet premessi t-Tribunal jidhirlu li gie pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident de quo u kien responsabbli kemm ghall-hsara kagunata fuq wara kidf ukoll ghal dik fuq quddiem tal-vettura propjeta’ tal-attrici.

In kwantu jirrgiwarda l-quantum tad-danni reklamati mill-attrici, hija esebiet is-survey report in sostenn tat-talba taghha u d-danni indikati fl-imsemmi survey report jidher li huwa kompatibbli mad-dinamika ta’ kif sehh l-incident in kwistjoni. Il-konvenut mni-naha l-ohra ma ressaq ebda prova sabiex jikkontradici l-provi prodotti mil-attrici f’dan ir-rigward.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ ta’ tmien mija u disgha u hamsin lira Maltin u tmienja u sebghin centtezmu (Lm859.78), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejejs ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------